SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

7 ta' April 2016 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Unjoni doganali u Tariffa Doganali Komuni — Kodiċi Doganali Komunitarju — Preferenzi tariffarji — Regolament (KEE) Nru 2454/93 — Artikolu 74(1) — Prodotti li joriġinaw minn pajjiż benefiċjarju — Trasport — Kunsinni komposti minn taħlita ta' żejt taż-żerriegħa tal-palm mhux raffinat li joriġina minn diversi pajjiżi li jibbenefikaw mill-istess tariffa preferenzjali"

Fil-Kawża C-294/14,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (qorti tal-finanzi ta' Hamburg, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Mejju 2014, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-16 ta' Ġunju 2014, fil-proċedura

ADM Hamburg AG

vs

Hauptzollamt Hamburg-Stadt,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn L. Bay Larsen (Relatur), President tat-Tielet Awla, li qed jaġixxi bħala President tar-Raba' Awla, J. Malenovský, M. Safjan, A. Prechal u K. Jürimäe, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: V. Tourrès, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-11 ta' Ġunju 2015,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal ADM Hamburg AG, minn H.-J. Prieß u R. Stein, Rechtsanwälte,

— għall-Hauptzollamt Hamburg-Stadt, minn J. Thaler, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Groenfeldt u B.-R. Killmann, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-10 ta' Settembru 2015,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 74 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 6, p. 3), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1063/2010 tat-18 ta' Novembru 2010 (ĠU L 307, p. 1).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn ADM Hamburg AG (iktar 'il quddiem "ADM Hamburg") u l-Hauptzollamt Hamburg-Stadt (uffiċċju doganali prinċipali tal-belt ta' Hamburg, iktar 'il quddiem l-"uffiċċju doganali") dwar il-legalità ta' avviż ta' dazju fuq l-importazzjoni għall-kunsinni ta' żejt taż-żerriegħa tal-palm mhux raffinat.

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament Nru 2454/93

3 L-Artikolu 72 tar-Regolament Nru 2454/93 jipprovdi:

"Il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala oriġinanti f'pajjiż benefiċjarju:

a) prodotti kompletament idderivati f'dak il-pajjiż skont it-tifsira tal-Artikolu 75;

b) prodotti miksuba f'dak il-pajjiż li jinkorporaw materjali li ma kinux kompletament idderivati hemmhekk, sakemm tali materjali għaddew minn xogħol jew ipproċessar suffiċjenti skont it-tifsira tal-Artikolu 76."

4 L-Artikolu 74(1) u (2) ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"1. Il-prodotti ddikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa fl-Unjoni Ewropea għandhom ikunu l-istess prodotti kif esportati mill-pajjiż benefiċjarju fejn jitqiesu li oriġinaw. M'għandhomx ikunu ġew mibdula, ittrasformati b'xi mod jew suġġetti għal operazzjonijiet għajr operazzjonijiet biex ikunu ppriservati f'kundizzjoni tajba, qabel ikunu ddikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa. Il-ħażna ta' prodotti jew kunsinni u l-qsim ta' kunsinni jistgħu jseħħu meta jitwettqu taħt ir-responsabbiltà tal-esportatur jew ta' detentur sussegwenti tal-merkanzija u l-prodotti jibqgħu taħt is-sorveljanza tad-dwana fil-pajjiż(i) ta' tranżitu.

2. Għandu jitqies li jkun hemm konformità mal-paragrafu 1 sakemm l-awtoritajiet doganali ma jkollhomx raġuni biex jemmnu mod ieħor; f'tali każijiet, l-awtoritajiet doganali jistgħu jitolbu lid-dikjarant biex jipprovdi evidenza tal-konformità, li tista' tingħata bi kwalunkwe mezz, inklużi dokumenti kontrattwali tat-trasport bħal poloz ta' karigu jew evidenza fattwali jew konkreta bbażata fuq l-immarkar jew l-innumerar tal-pakketti jew kwalunkwe evidenza relatata mal-prodotti nfushom."

5 L-Artikolu 97l(1) u (2) tal-imsemmi regolament huwa fformulat kif ġej:

"1. Iċ-ċertifikati tal-oriġini Formola A, li kampjun tagħhom huwa stabbilit fl-Anness 17, għandhom jinħarġu wara applikazzjoni bil-miktub mill-esportatur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, flimkien ma' kwalunkwe dokument ta' appoġġ adattat ieħor li jagħti prova li l-prodotti li se jkunu esportati jikkwalifikaw għall-ħruġ ta' ċertifikati tal-oriġini Formola A.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi benefiċjarji għandhom jagħmlu disponibbli għall-esportatur iċ-ċertifikat tal-oriġini 'Formola A' malli l-esportazzjoni tkun seħħet jew tkun ġiet żgurata. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi benefiċjarji jistgħu wkoll joħorġu ċertifikat tal-oriġini 'Formola A' wara l-esportazzjoni tal-prodotti li hija relatata magħhom, jekk:

a) ma kienx maħruġ fil-ħin tal-esportazzjoni minħabba żbalji jew ommissjonijiet involontarji jew ċirkustanzi speċjali; jew

b) jintwera, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti li ċ-ċertifikat tal-oriġini 'Formola A' nħareġ imma ma ġiex aċċettat għall-importazzjoni għal raġunijiet tekniċi."

6 Skont l-Artikolu 97n(1) u (2) tal-imsemmi regolament:

"Iċ-ċertifikati tal-oriġini Formola A jew id-dikjarazzjonijiet tal-fattura għandhom ikunu sottomessi lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-importazzjoni f'konformità mal-proċeduri li jikkonċernaw id-dikjarazzjoni doganali."

Ir-Regolament (KE) Nru 732/2008

7 Il-premessi 6 u 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008, tat-22 ta' Lulju 2008, li japplika skema ġeneralizzata ta' preferenzi tariffarji għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 552/97 u (KE) Nru 1933/2006, u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1100/2006 u (KE) Nru 964/2007 (ĠU 2008 L 211, p. 1), huma fformulati kif ġej:

"(6) L-arranġament ġenerali għandu jingħata lil dawk il-pajjiżi benefiċjarji kollha li mhumiex klassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi bi dħul għoli u li mhumiex diversifikati biżżejjed fl-esportazzjoni tagħhom.

[...]

(9) Dawn il-preferenzi għandhom jitfasslu biex jippromwovu tkabbir ekonomiku ulterjuri u, permezz ta' dan, jirreaġixxu b'mod pożittiv għall-ħtieġa ta' l-iżvilupp sostenibbli. Skont dan l-arranġament, it-tariffi ad valorem għandhom għalhekk jiġu sospiżi għall-pajjiżi benefiċjarji kkonċernati, kif ukoll id-dazji speċifiċi, sakemm ma jkunux amalgamati ma' dazju ad valorem."

8 L-Artikolu 5(1) u (2) ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"1. Il-preferenzi tariffarji mogħtija għandhom japplikaw għall-importazzjoni ta' prodotti inklużi fl-arranġament li jgawdi minnu l-pajjiż benefiċjarju li joriġinaw fih.

2. Għall-finijiet ta' l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 1(2), ir-regoli ta' l-oriġini, li jikkonċernaw id-definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti oriġinanti, il-proċeduri u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva relatati magħhom, għandhom ikunu dawk stabbiliti fir-Regolament (KEE) Nru 2454/93."

Ir-Regolament Nru 1063/2010

9 Ir-Regolament Nru 1063/2010 ikkonsolida d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2454/93 rilevanti għall-kawża prinċipali.

10 Il-premessi 3 u 16 tar-Regolament Nru 1063/2010 huma fformulati kif ġej:

"(3) Fil-kuntest tal-Aġenda għall-Iżvilupp ta' Doha, ġiet irrikonoxxuta l-ħtieġa li tiġi żgurata integrazzjoni aħjar tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fl-ekonomija dinjija, b'mod partikolari permezz ta' aċċess aħjar għas-swieq tal-pajjiżi żviluppati.

Għal dak il-għan, ir-regoli tal-oriġini preferenzjali għandhom ikunu ssimplifikati u, fejn hu adattat, isiru anqas stretti, sabiex il-prodotti oriġinanti fil-pajjiżi benefiċjarji jkunu jistgħu jibbenefikaw tabilħaqq mill-preferenzi mogħtija.

[...]

(16) [...]

Ir-regoli attwali jirrikjedu evidenza ta' trasport dirett lejn l-Unjoni Ewropea li frekwentement diffiċli li tinkiseb. Minħabba dak ir-rekwiżit, xi prodotti li huma akkumpanjati minn prova valida tal-oriġini jistgħu attwalment jibbenefikaw minn preferenza. Għaldaqstant huwa xieraq li tiġi introdotta regola ġdida, aktar sempliċi u aktar flessibbli li tiffoka fuq il-mira li l-merkanzija ppreżentata lid-dwana fuq dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa fl-Unjoni Ewropea tkun l-istess merkanzija li tkun telqet mill-pajjiż benefiċjarju tal-esportazzjoni u ma tkunx ġiet mibdula jew ittrasformata b'xi mod matul ir-rotta."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

11 Fil-11 ta' Awwissu 2011, ADM Hamburg importat fil-Ġermanja numru ta' kunsinni ta' żejt taż-żerriegħa tal-palm mhux raffinat mill-Kolombja, mill-Panama, mill-Kosta Rika u mill-Ekwador għar-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni libera fl-Unjoni. Dawn l-erba' pajjiżi, li huma pajjiżi fi żvilupp, benefiċjarji tas-sistema ta' preferenzi ġġeneralizzati mogħtija mill-Unjoni fil-kuntest tal-iskema tagħha ta' preferenzi tariffarji ġġeneralizzati stabbilita mir-Regolament Nru 732/2008 (iktar 'il quddiem "pajjiżi SPĠ"), kienu ħarġu ċertifikati ta' oriġini "Formola A" fir-rigward ta' dawn id-diversi kunsinni.

12 Waqt it-trasport tiegħu lejn l-Unjoni, iż-żejt taż-żerriegħa tal-palm inġarr f'tankijiet differenti ta' bastiment tal-merkanzija. Fi tlieta minn dawn it-tankijiet, kunsinni li joriġinaw rispettivament minn dawn it-tliet pajjiżi SPĠ tgħabbew u ġew ittrasportati separatament. Fir-raba' tank, ADM Hamburg ħalltet żejt minn kunsinni differenti li kienu joriġinaw minn kull wieħed mill-erba' pajjiżi SPĠ inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

13 Mal-wasla tal-merkanzija fil-Ġermanja, ADM Hamburg ippreżentat iċ-ċertifikati ta' oriġini "Formola A" billi talbet, fir-rigward tat-tagħbija taż-żejt taż-żerriegħa tal-palm, l-applikazzjoni ta' trattament tariffarju preferenzjali taħt l-iskema ta' preferenzi tariffarji ġġeneralizzati.

14 Permezz ta' avviż tat-8 ta' Diċembru 2011, l-uffiċċju doganali stabbilixxa d-dazju fuq l-importazzjoni mingħajr l-għoti ta' trattament preferenzjali għall-parti mill-kunsinna komposta minn taħlita ta' żjut u maħżuna fir-raba' tank u ddeċieda li jimponi fuq din il-kunsinna dazju fuq l-importazzjoni bir-rata sħiħa.

15 Wara ċ-ċaħda tal-ilment amministrattiv tagħha, ADM Hamburg ippreżentat rikors quddiem il-Finanzgericht Hamburg (qorti tal-finanzi ta' Hamburg) li permezz tiegħu talbet l-annullament tal-avviż tad-dazju fuq l-importazzjoni tat-8 ta' Diċembru 2011.

16 Insostenn tar-rikors tagħha, ADM Hamburg issostni, b'mod partikolari, li l-ħażna komuni ta' żjut għall-finijiet ta' trasport hija waħda newtrali f'termini ta' oriġini, filwaqt li l-uffiċċju doganali jqis li t-trattament preferenzjali jista' biss jingħata lill-prodotti li fir-rigward tagħhom jiġi stabbilit nuqqas ta' tibdil, li ma huwiex il-każ inkwistjoni.

17 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Finanzgericht Hamburg (qorti tal-finanzi ta' Hamburg) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura u tagħmel id-domanda preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Il-kundizzjoni materjali tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 74(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju, fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1063/2010, tat-18 ta' Novembru 2010, li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju, li tipprovdi li l-prodotti ddikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni libera fl-Unjoni Ewropea għandhom ikunu dawk li ġew esportati mill-pajjiż benefiċjarju fejn huma kkunsidrati bħala li kienu oriġinarji, hija ssodisfatta f'każ bħal dak f'din il-kawża, fejn numru ta' lottijiet ta' żejt [taż-żerriegħa] tal-palm mhux raffinat minn diversi pajjiżi esportaturi li jibbenefikaw mis-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi, li huma kkunsidrati bħala li joriġinaw minnhom, ma kinux fiżikament separati fl-esportazzjoni u fl-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea, iżda li matul l-esportazzjoni ġew imqiegħda fl-istess tank tal-bastiment trasportatur u li għalhekk ġew importati fil-forma ta' taħlita fl-Unjoni Ewropea, taħt kundizzjonijiet fejn jista' jiġi eskluż li prodotti oħra – b'mod partikolari prodotti li ma jibbenefikaw minn l-ebda trattament preferenzjali – ġew miżjuda mat-tank tal-bastiment trasportatur matul it-trasport ta' dawn il-prodotti sar-rilaxx tagħhom għaċ-ċirkulazzjoni libera?"

Fuq id-domanda preliminari

18 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 74(1) tar-Regolament Nru 2454/93 jistax jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn ġew ippreżentati ċertifikati ta' oriġini validi, l-oriġini preferenzjali, fis-sens tal-iskema ta' preferenzi tariffarji ġġeneralizzati stabbilita mir-Regolament Nru 732/2008, ta' kunsinni ta' żejt taż-żerriegħa tal-palm mhux raffinat tista' tiġi identifikata anki meta din il-merkanzija tkun tħalltet fit-tank ta' bastiment matul it-trasport tagħha lejn l-Unjoni, f'ċirkustanzi fejn jista' jiġi eskluż li prodotti oħra, b'mod partikolari prodotti li ma jibbenefikaw minn ebda skema preferenzjali, ikunu ġew miżjuda f'dan it-tank.

19 L-Artikolu 74(1) tar-Regolament Nru 2454/93 jeżiġi, b'mod partikolari, minn naħa, li l-prodotti ddikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni libera fl-Unjoni jkunu dawk esportati mill-pajjiż benefiċjarju li minnu jitqiesu li joriġinaw, u min-naħa l-oħra, li la jkunu ġew suġġetti għal ebda tibdil jew trasformazzjoni u lanqas għal operazzjonijiet għajr dawk li huma neċessarji sabiex tiġi żgurata l-konservazzjoni tagħhom, qabel ma jiġu ddikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni libera.

20 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, skont id-digriet tar-rinviju, il-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma kompletament interkambjabbli u għandhom l-istess karatteristiċi. Għaldaqstant, it-taħlita ta' dawn il-prodotti matul it-trasport ma timmodifikax is-sustanza tagħhom.

21 Barra minn hekk, huwa paċifiku li kull waħda mill-kunsinni taż-żejt taż-żerriegħa tal-palm inkwistjoni fil-kawża prinċipali tibbenefika minn ċertifikat ta' oriġini preferenzjali validu. Għaldaqstant, dawn il-kunsinni jaqgħu taħt l-istess sistema tariffarja.

22 Barra minn hekk, mill-konstatazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju jirriżulta li jista' jiġi eskluż li prodotti oħra li huma suġġetti għal sistema tariffarja differenti setgħu ġew miżjuda fir-raba' tank tal-bastiment tat-trasport mat-taħlita ta' żejt li toriġina minn kunsinni differenti ta' kull wieħed mill-erba' pajjiżi SPĠ inkwistjoni.

23 Għaldaqstant, il-fatt li prodotti li għandhom karatteristiċi bħal dawk tal-kunsinni taż-żejt taż-żerriegħa tal-palm inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġew miżjuda f'tank tal-bastiment waqt it-trasport lejn l-Unjoni ma jistax, fih innifsu, jimplika li dawn il-prodotti ma humiex dawk li ġew esportati mill-pajjiż benefiċjarju li minnu jitqiesu li joriġinaw.

24 Għal din ir-raġuni, sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 74(1) tar-Regolament Nru 2454/93 humiex issodisfatti, għandu jiġi ddeterminat jekk it-taħlita tal-prodotti li għandha karatteristiċi bħal dawk tal-kunsinni ta' żejt taż-żerriegħa tal-palm mhux raffinat inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxix bidla, trasformazzjoni jew operazzjoni, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

25 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li s-sempliċi qari tat-tieni frażi ta' din id-dispożizzjoni ma jippermettix li jiġi ddeterminat b'ċertezza s-sens ta' "bidla", "trasformazzjoni" u "operazzjoni".

26 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li r-Regolament Nru 2454/93 ma jinkludix definizzjoni ta' dawn il-kliem.

27 Għaldaqstant, għandu jitfakkar li, meta l-kliem ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma jkunx ċar, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest ta' din id-dispożizzjoni kif ukoll l-għanijiet tagħha (sentenza PPG u SNF vs ECHA, C-625/11 P, EU:C:2013:594, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 Kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 24 sa 25 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-Artikolu 74 tar-Regolament Nru 2454/93 jagħmel parti mill-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti I ta' dan ir-regolament, li jikkonċerna l-oriġini preferenzjali. B'mod iktar preċiż, din id-dispożizzjoni tagħmel parti mis-sottosezzjoni 2 tas-sezzjoni 1, li tikkonċerna d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji", jiġifieri l-prodotti li joriġinaw minn pajjiż SPĠ.

29 Għaldaqstant, fid-dawl tal-kliem u tal-kuntest ta' din id-dispożizzjoni, għandu jitqies li l-għan prinċipali tagħha huwa li tikkontribwixxi sabiex jiġi ggarantit li l-prodotti ddikjarati bil-għan li jiġu rrilaxxati għaċ-ċirkulazzjoni libera tagħhom huma fil-fatt prodotti li joriġinaw minn pajjiż SPĠ u mhux minn pajjiż terz.

30 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-twettiq, matul it-trasport, ta' taħlita ta' diversi prodotti li joriġinaw minn pajjiż SPĠ li ma tibdilx is-sustanza ta' dawn il-prodotti u li ma toħloqx inċertezza fir-rigward tal-oriġini tagħha ma tistax tiġi kklassifikata bħala bidla, trasformazzjoni jew operazzjoni li tipprekludi li l-oriġini ta' dawn il-prodotti tiġi rrikonoxxuta fil-kuntest stabbilit, b'mod partikolari, mill-Artikolu 74(1) tar-Regolament Nru 2454/93.

31 Barra minn hekk, mill-premessi 3 u 16 tar-Regolament Nru 1063/2010 jirriżulta li r-riforma tas-sistema ta' preferenzi ġġeneralizzati stabbilita f'dan ir-regolament hija intiżi li tissemplifika r-regoli tal-oriġini preferenzjali, u, skont il-każ, trendihom inqas ħarxa, sabiex il-prodotti li joriġinaw minn pajjiżi benefiċjarji jkunu effettivament jistgħu jibbenefikaw mill-preferenzi mogħtija.

32 Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-Artikolu 74 tar-Regolament Nru 2454/93, mill-premessa 16 tar-Regolament Nru 1063/2010 jirriżulta li dan tal-aħħar huwa intiż li jistabbilixxi, fir-Regolament Nru 2454/93, regola ġdida iktar sempliċi u inqas ħarxa, li tissostitwixxi r-regola preċedenti li l-applikazzjoni tagħha kellha l-konsegwenza li ċerta merkanzija bi prova tal-oriġini fil-forma debita kienet eskluża mill-iskema tariffarja preferenzjali.

33 Barra min hekk, kif tindika l-premessa 9 tar-Regolament Nru 732/2008, l-għan tal-iskemi preferenzjali, bħall-iskema ta' preferenzi tariffarji ġġeneralizzati stabbilita minn dan ir-regolament, huwa l-inkoraġġiment tat-tkabbir ekonomiku u r-rispons pożittiv għall-bżonn ta' żvilupp sostenibbli.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Artikolu 74(1) tar-Regolament Nru 2454/93 ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jeskludi r-rikonoxximent tal-oriġini ta' prodotti bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali għas-sempliċi raġuni li jkunu tħalltu, fejn din it-taħlita ma tkunx ipprekludiet l-awtoritajiet kompetenti milli jiżguraw li l-prodotti esportati kienu fil-fatt kollha oriġinaw minn pajjiż SPĠ.

35 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 74(1) tar-Regolament Nru 2454/93 għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn ikunu ġew ippreżentati ċertifikati ta' oriġini validi, l-oriġini preferenzjali, fis-sens tas-sistema ta' preferenzi ġġeneralizzati stabbilita mir-Regolament Nru 732/2008, ta' kunsinni ta' żejt taż-żerriegħa tal-palm mhux raffinat, tista' tiġi rrikonoxxuta anki meta din il-merkanzija tkun tħalltet fit-tank ta' bastiment matul it-trasport tagħha lejn l-Unjoni f'ċirkustanzi fejn jista' jiġi eskluż li prodotti oħra, b'mod partikolari prodotti li ma jibbenefikaw minn ebda skema preferenzjali, ikunu ġew miżjuda f'dan it-tank.

Fuq l-ispejjeż

36 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 74(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1063/2010 tat-18 ta' Novembru 2010, għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn ikunu ġew ippreżentati ċertifikati ta' oriġini validi, l-oriġini preferenzjali, fis-sens tas-sistema ta' preferenzi ġġeneralizzati stabbilita mir-Regolament Nru 732/2008, ta' kunsinni ta' żejt taż-żerriegħa tal-palm mhux raffinat, tista' tiġi rrikonoxxuta anki meta din il-merkanzija tkun tħalltet fit-tank ta' bastiment matul it-trasport tagħha lejn l-Unjoni f'ċirkustanzi fejn jista' jiġi eskluż li prodotti oħra, b'mod partikolari prodotti li ma jibbenefikaw minn ebda skema preferenzjali, ikunu ġew miżjuda f'dan it-tank.

Firem